# LECTIO DIVINA

# It-Tieni Ħadd

# Matul is-Sena (A)

**Ġw 1,29-34**

Għadna fil-kuntest tal-epifanija... Ninsabu f'*gimgħa* li fiha San Ġwann l-evanġelista juri 'l Ġesù lid-dinja (ara: Ġw 1,29.35.43; 2,1, eċċ.). Ir-rakkont li qed nirriflettu fuqu seħħ *fit-tieni jum*. Fih il-Battista juri 'l Kristu l-Messija mistenni, lill-poplu ta' Iżrael: "Araw il-Ħaruf ta' Alla..."

**"L-għada Ġwanni ra lil Ġesù riesaq lejh..." (v 29a)**

*L-għada* – it-tieni jum, i.e. l-għada li Ġwanni jagħmel stqarrija fuqu nnifsu; u lill-qassisin u leviti mibgħuta għandu mil-Lhud (ara 1,19-28) hu stqarrilhom mingħajr ma ċaħad: "Jien m'inix il-Messija" (1,20).
*L-għada* – (li) din id-delegazzjoni kurjuża u mbuttata biss mill-interess persunali frott l-egoiżmu, tkun għabet mix-xena.

Is-sinifikat kollu ta' din is-silta jdur fuq l-*Epifanija* li l-Battista jagħmel fuq Ġesù – proklamazzjoni ċara u solenni mingħajr eżitazzjonijiet jew tidwir. Għandna rivelazzjoni messjanika. Minkejja li l-Iben t'Alla diġa' qiegħed fid-dinja ("ġie f'daru" v 11a), hu għadu mhux magħruf ("niesu ma laqgħuhx" v 11b). Infatti jinsab ġol-folla, qalb dawk li ġew biex jitgħammdu minn Ġwanni, mingħajr ħadd ma għadu intebaħ.

**"Hekk hu l-*Ħaruf* ta' Alla, dan hu li *jneħħi* d-dnub tad-dinja!" (v 29b)**

Ἴδε ὁ **ἀμνὸς** τοῦ θεοῦ ὁ **αἴρων** τὴν ἁμαρτίαν τοῦ κόσμου.
Il-kelma mlissna mill-Battista (bl-aramajk) hija *talja yhwh* li tista' tfisser kemm "il-ħaruf t'Alla", kif ukoll "il-qaddej t'Alla". Ġwanni fil-vanġelu tiegħu (miktub bil-Grieg) jirreferi għal Kristu bħala l-"ħaruf" (*ὁ ἀμνὸς*; li hu ukoll ubbidjenti bħal qaddej) li mingħajr ma jgħolli leħnu "jitgħabba" (*ὁ αἴρων* – jinżel taħt biex jerfa' mill-art, u "jneħħi" min-nofs; jgħabbi lilu nnifsu, jitgħabba hu bil-piż) bid-"dnub tad-dinja".

Għal San Ġwann, id-dnub tad-dinja mhux xi dnub partikulari, lanqas xi ġabra ta' dnubiet, imma hija *l-mentalità żbaljata tad-dinja* li tmur kontra Alla u dak kollu li hu tiegħu u dak kollu li ġej minnu; rifjut

totali ta' Alla. Għalhekk hi la tagħrfu u lanqas tilqgħu: "Ġie f'daru u niesu ma laqgħuhx" (v 11. Ara ukoll v 5 "id-dlam ma għelbux, [ma fehmux]").

Fejn is-Sinottiċi jimmarkaw il-bidu tal-ministeru ta' Ġesù (qaddej u salvatur) permezz tal-vuċi tal-Missier li ġiet mis-sema u permezz tal-inżul tal-Ispirtu s-Santu (ara Mk 1,10-11, Mt 3,16-17 u Lq 3,21-22), għal Ġwanni, il-bidu tal-ministeru jiġi mmarkat mill-epifanija li l-Battista jagħmillu: "il-Ħaruf ta' Alla li jerfa' fuqu d-dnub".

Il-Battista jħoss li wasal il-mument l-aktar importanti li fuqu bbaża l-missjoni tiegħu ta' profeta prekursur – "Hekk hu l-ħaruf t'Alla..." (v 29). Mingħajr biża' jew mistħija, anzi b'determinazzjoni sħiħa, hu jisposta l-attenzjoni kollha minn fuqu nnifsu għal fuq dak li kellu jiġi warajh: il-Ħaruf, l-Għarus: "Il-ħabib tal-għarus, li jkun ħdejh u jisimgħu, jifraħ ħafna meta jisma' leħen l-għarus. U dan hu l-ferħ li bih qalbi mtliet. Jeħtieġ jikber hu u niċkien jien" (Ġw 3,29-30). Dan l-atteġġjament tal-Battista flimkien mal-impenn radikali u kostanti tal-personalità tiegħu għall-predikazzjoni, jagħmel mill-predikazzjoni tiegħu kelma awtorevoli u li hi ta' min joqgħod fuqha. Il-predikazzjoni tiegħu hija konsistenti mal-għemil tiegħu, u vice versa.

**"Dan hu li fuqu jiena għedt, 'Warajja jiġi wieħed li hu aqwa minni, għax kien qabli.' Jiena stess ma kontx nafu; imma jien ġejt mgħammed bl-ilma sewwa sew biex hu jkun mgħarraf lil Iżrael." (vv 30-31)**

Il-Messija hu "aqwa" mill-Battista għax kien qablu, pre-eżistenti għalih (Ġw 1,5.27.30); hu divin, u għalhekk huwa 'l fuq miż-żmien u l-ispazju. Imma hu aqwa minnu wkoll għax hu dak li "jieħu fuqu d-dnub tad-dinja" (v29) u għax "l-Ispirtu niżel mis-sema... u *qagħad* fuqu" (v32). Għalhekk ma jgħammidx bl-ilma imma "bl-Ispirtu s-Santu" (Ġw 1,33b).

Il-Battista jkompli jissottolinea ċ-ċkunija tiegħu billi jammetti ukoll n-nuqqas ta' għarfien biżżejjed fuq id-divinità tal-persuna ta' Ġesù. Imma grazzi għall-*umiltà* tiegħu u l-*qalb miftuħa* li kellu, *f'dan* il-mument *jilqa' r-rivelazzjoni* ta' Alla, *jagħraf* lill-Messija, u *jgħarrfu* lill-oħrajn.

**"Ġwanni ssokta jixhed: 'Jiena rajt l-Ispirtu nieżel mis-sema bħal ħamiema u qagħad fuqu. Tabilħaqq, jiena ma kontx nafu; imma dak li bagħatni ngħammed bl-ilma qalli, "Fuq min tara l-Ispirtu jinżel u joqgħod, dak hu li jgħammed bl-Ispirtu s-Santu." (vv 32-33)**

B'differenza mis-Sinottiċi, fi Ġwanni (l-evanġelista) hu l-Prekursur innifsu li jara l-Ispirtu nieżel fuq Ġesù u issa jagħti "xiehda" ta' dan. Hawn l-Ispirtu s-Santu mhux biss "jinżel" fuq Ġesù, imma ukoll joqgħod (καὶ **ἔμεινεν** ἐπ' αὐτόν – jinżel biex *joqgħod* u *jimla* b'mod *permanenti*. Ara ukoll Num 14,10). Il-Misteru ta' Alla inkarnat jiġi muri minn Alla lill-profeta tiegħu; dak li dmiru hu li jħejji u li jgħarraf bil-wasla tal-mistenni.

**“Dan rajtu b’għajnejja u xhedt: ‘Dan hu l-Iben ta’ Alla’.” (v 34)**

Il-Battista hu kompletament ċert minn dak li qed jgħid u li qed jagħmel; jagħti xiehda bl-espressjonijiet “Hekk hu...! Dan hu...” (vv 29.30.34) Il-Battista hu xhud okulari, awtorevoli fi kliemu u konsitenti f’għemilu, għalhekk hu ta’ min joqgħod fuqu (ara 1 Ġw 1,1 s).

*Meditatio*:

- Jien imsejjaħ biex inkun mhux biss *leħen*, imma *Kristu ieħor*. L-għemil tiegħi kemm hu konsistenti ma’ dak li tgħallimt u ma’ dak li ngħallem? Identifika inkonsistenza u aħdem fuqha...
- Il-profeta jilħaq l-iskop ewlieni tiegħu meta jisposta l-attenzjoni tal-poplu minn fuqu għal fuq Kristu Ġesù. Jien fuq min qed nitfa’ l-attenzjoni tiegħi u tal-oħrajn?
- Ġwanni jagħti xhieda għal Kristu b’ħajtu. Jien x’xhieda qed nagħti għalih?